Australian Government

myagedcare

# Kif naċċessja l-pakkett tal-kura fid-dar

## X'inhu pakkett tal-kura fid-dar?

Hu pakkett ikkoordinat ta' kura u servizzi biex jgħinek tgħix b'mod indipendenti f'darek stess sakemm tista'.

Il-provveditur tiegħek tal-kura fid-dar ser jaħdem miegħek biex tagħżel kura u servizzi li l-aktar jissodisfaw il-bżonnijiet u l-miri tiegħek. Il-provveditur tiegħek ser jgħinek ukoll timmaniġġja l-kura u s-servizzi tiegħek.

## Kif nikseb pakkett tal-kura fid-dar?

Tinħtieġ assessjar tal-kura tal-anzjani u tkun approvat għall-pakkett tal-kura fid-dar. Biex tagħmel dan, int trid tikkuntattja lil My Aged Care fuq **1800 200 422**.

My Aged Care ser jistaqsuk xi mistoqsijiet biex jgħinuhom jifhmu l-bżonnijiet u sitwazzjoni kurrenti tiegħek. Imbagħad huma jistgħu jirranġaw li jiġi assessur imħarreġ f'darek biex jagħmel assessjar wiċċ imb'wiċċ.

## Għajnuna biex taċċessja l-kura

Jekk għandek bżonn l-għajnuna fi kwalunkwe stadju int tista' ċċempel lil My Aged Care fuq **1800 200 422**.

Int tista' tistaqsi lil My Aged Care dwar kif tista' tikseb għajnuna minn persuna li titkellem għalik.

## Għal aktar tagħrif

**www.myagedcare.gov.au**
jew ċempel **1800 200 422***

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa – mit-8am sat 8pm
Is-Sibt - mill-10am sas-2pm
Magħluqin il-Ħdud u vaganzi pubbliċi

Għas-Servizz Nazzjonali tar-Relay **ċempel 1800 555 660*** għal aktar tagħrif

Għas-Servizz tat-Traduzzjoni u l-Interpretar ċempel **131 450** u staqsi għal **1800 200 422***

Jekk int veteran jew armla/armel tal-gwerra int tista' tkun eliġibbli għas-servizzi jew il-programmi tad-Dipartiment tal-Affarijiet tal-Veterani. Staqsi lil My Aged Care għal aktar tagħrif.

** Telefonati 1800 huma bla ħlas minn telefonijiet tal-linja fissa u l-biċċa l-kbira tal-provvedituri tal-mowbajl Awstraljani issa joffru telefonati bla ħlas għan-numri 1800. Iċċekkja mal-provveditur tiegħek tat-telefown tal-mowbajl.*

## Jekk jogħġbok għidilna jekk intx fil-kju u għad ma tridx pakkett.

Mhux ser titlef postok fil-kju: int ser tibqa' tavvanza skont meta kont approvat. Mela ma hemm l-ebda żvantaġġ għalik jekk tagħmel dan u ser tgħin lil oħrajn li għandhom bżonn kura aktar malajr.

Ċempel lil My Aged Care fuq **1800 200 422**.

It-tagħrif kollu f'din il-pubblikazzjoni hu korrett f'Ġunju 2018.

## 1. Ikseb ir-riżultat tal-assessjar tiegħek

Int ser tirċievi ittra minn My Aged Care.

L-ittra tiegħek ser tgħidlek jekk intix eliġibbli għall-pakkett tal-kura fid-dar u ta' liema livell.

Jekk tkun approvat, int ser titpoġġa fil-kju nazzjonali tal-prijorità.

Kulħadd ser ikollu perjodu ta' stennija qabel ma jirċievi pakkett tal-kura fid-dar. Il-pożizzjoni tiegħek fil-kju hi bbażata fuq il-bżonnijiet u ċ-ċirkustanzi tiegħek kif ukoll il-ħin kemm ilek tistenna għall-kura.

## 2. Sib provvedituri tal-kura fid-dar u aħdem l-ispiża

Waqt li tkun qed tistenna fil-kju int għandek tibda tfittex provvedituri tal-kura fid-dar. Dan jinkludi tiftix dwar is-servizzi li joffru u l-ispejjeż.

Biex issib servizzi lokali u tikkalkula l-miżati:

- żur **www.myagedcare.gov.au** u mur fuq "Find and set up services' ('Sib u organizza s-servizzi') (fittex il-links vjola), jew
- ċempel lil My Aged Care fuq **1800 200 422** u ser nagħtuk tagħrif fuq it-telefown jew nimpostawhulek.

Int ser ikollok bżonn iċċempel lid-Dipartiment tas-Servizzi Umani u staqsi jekk għandekx bżonn assessjar formali tad-dħul fuq **1800 227 475**.

## 3. Tiġi mogħti pakkett tal-kura fid-dar

Int ser tirċievi ittra minn My Aged Care.

L-ittra ser tgħidlek li tinsab fuq quddiem tal-kju.

Ser ikollok 56 ġurnata żmien biex:

- tagħżel provveditur
- taqbel li tirċievi s-servizzi u tagħmel Ftehim tal-Kura fid-Dar mal-provveditur magħżul tiegħek.

Jekk għandek bżonn aktar ħin, int tista' ċċempel lil My Aged Care u staqsi għal estensjoni ta' 28 ġurnata.

## 4. Agħmel Ftehim tal-Kura fid-Dar u mmaniġġja s-servizzi

Il-provveditur magħżul tiegħek ser jagħtik Ftehim tal-Kura fid-Dar u jaħdem miegħek biex tiżviluppa pjan ta' kura u baġit. Il-provveditur tiegħek jrid jgħidlek dwar kwalunkwe miżati li int għandek tħallas.

Il-pakkett tiegħek tal-kura fid-dar hu kopert mill-liġi tal-konsumatur. Qabel ma tagħmel ftehim int għandek tifhem id-drittijiet tiegħek. Biex titkellem ma' xi ħadd dwar id-drittijiet tiegħek, int tista' ssib dettalji tal-kuntatt għall-aġenzija tiegħek lokali tal-protezzjoni tal-konsumatur f' **www.consumerlaw.gov.au**. Int tista' wkoll tistaqsi membru tal-familja, ħabib, xi persuna li titkellem għalik jew avukat biex jaqra l-Ftehim.

Il-provveditur irid jagħtik kopja tal-Ftehim tiegħek iffirmat.

Int tista' tmur ma' provveditur ieħor tal-kura fid-dar fi kwalunkwe ħin. Il-provveditur jrid jissapportjak jekk tiddeċiedi li tmur ma' ħadd ieħor

Tista' tagħżel ukoll li ttemm il Ftehim tiegħek u ma tibqax tirċievi s-servizzi tal-pakkett tal-kura fid-dar.

Int tista' tikkuntattja lil My Aged Care fuq **1800 200 422** dwar it-tibdil jew biex ma tibqax ma' provvedituri.

12151 Ġunju 2018